MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2012

Appell Kriminali Numru. 40/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Anthony Agius)**
**Vs**
**Raymond Hili**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli bhala direttur tal-kumpanija Future Furniture Limited (C 6176) ghas-snin 2000, 2001, 2002, 2003, 2004, 2005, 2006, 2007 u 2008 b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, naqas li jibghat il-formoli tat-taxxa skont id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli jhares id-disposizzjonijiet ta’ dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-28 ta’ Jannar, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u 23(1)(2) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll ir-regolamenti 15, 20, 21(1) ta’ l-Avviz Legali 88 tas-sena 1998, sabet lil-appellant hati u kkundannatu ghal hlas ta’ multa ta’ hames mitt Euro (€500). U multa addizzjonali ta’ sebgha Euro (€7) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas mid-data tas-sentenza.
Il-Qorti spjegat lill-appellant ai fini ta’ l-artikolu 49(2) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta’ Malta li jekk fi zmien hames snin jerga` jinstab hati ta’ xi reat taht xi wahda mid-disposizzjonijiet ta’ l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta’ l-istess xorta sew jekk le) tinghata sentenza, b’zieda ma kull piena ohra, ta’ mhux inqas minn tlett ijiem prigunerija, u hekk misjub hati ghat-tieni dara w wara, matul l-imsemmija hames snin, minkejja kull id-disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar il-Probation jew f’xi legislazzjoni ohra, jinghata sentenza ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn tlett ijiem, b’zieda ma’ kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-31 ta’ Jannar, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza appellata w ghaldaqstant tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-
Il-prosekuzzjoni riedet tipprova zewg elementi f’dan il-kaz :
1. li l-formoli tat-taxxa ghas-snin inkriminati ma gewx mibghuta;
2. li ghas-snin inkriminati, l-appellant kien direttur tas-socjeta` Future Furniture Limited u kwindi responsabbli ghall-istess socjeta`.

Illi f'din il-kawza xehdu zewg xhieda. Xhud in reapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, li kkonferma li parti sostanzjali (Mhux kollha) tal-formoli tat-taxxa ghas-snin inkriminati dwar is-socjeta` Future Furniture Limited ma kienux intbaghtu.

It-tieni xhud, rapprezentant tal-MFSA, xehed testwalment hekk, u hekk biss :
*"Nikkonferma li Raymond Hili ID 500156M hu Direttur ta' Future Furniture Limited".* Dan jista` anke jigi konfermat bil-gurament mid-difensur sottoskritt.

Illi hu car, u dan gie sottomess b'mod vociferu mid-difiza quddiem l-Ewwel Qorti, li l-prova li l-appellant kien direttur tas-socjeta` Future Furniture Limited ghas-snin inkriminati ma saritx. L-unika prova li saret hi li llum, l-appellant hu Direttur ta' Future Furniture Limited.

Din hi prova li kienet kardinali sabiex tirnexxi l-akkuza dedotta kontra l-appellant. L-Ewwel Qorti ma setghetx tasal ghall-konkluzjoni ta' htija fil-karenza ta' din il-prova. Wiehed jistaqsi, abbazi ta' liema prova sabet htija l-Ewwel Qorti? U wiehed jittama, anke biex jigu evitati kwistjonijiet ta' indoli kostituzzjonali dwar smiegh xieraq, li f'dawn il-proceduri ta' revizjoni, l-prosekuzzjoni ma tippruvax tinfilza provi fil-kawza li ma sarux quddiem l-Ewwel Qorti.

Ikkunsidrat:

Fir-rikors tieghu, l-appellant qieghed jirrikonoxxi illi 'bhala fatt, minn dak li rrizluta waqt is-smiegh tax-xhieda, jirrizulta li parti sostanzjali tal-formoli tat-taxxi ghas-snin inkriminanti dwar is-socjeta Future Furniture Limited ma kienux intbaghtu.' Fl-istess nifs imbaghad jesigi illi l-Prosekuzzjoni trid tipprova illi l-formoli tat-taxxa ghas-snin inkriminanti ma gewx mibghuta u li l-appellant kien direttur tas-socjeta Future Furniture Limited fis-snin inkriminanti.
Rigward l-ewwel aggravju minbarra id-dikjarazzjoni ta' l-istess l-appellant fir-rikors hemm ix-xhud inraprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li kkonferma li parti sostanzjali tal-formoli tat-taxxa tas-snin inkriminanti tas-socjeta Future Furniture Limited ma nbaghtux. Ghalhekk

il-Qorti hija sodisfatta illi l-Prosekuzzjoni irnexxilha tipprova fil-grad li trid il-Ligi illi is-socjeta Future Furniture Limited kienet fil-ksur tal-Ligi meta ma baghtitx il-formoli neccessarji.
Rigward it-tieni aggravju l-appellant qed jilmenta illi r-raprezentant ta' l-MFSA qal biss illi Raymond Hili ID 500156 (M) hu direttur ta' Future Furniture Limited. L-appellant qed jargumenta illi b'daqshekk ma jfissirx illi Raymond Hili kien ukoll direttur fis-snin inkriminanti. Bir-rispett u bl-istess argument ma jfissirx li l-appellant ma kienx direttur fi zmien indikat fl-imputazzjoni. Jekk l-appellant dehrlu illi d-dikjarazzjoni tar-raprezentant ta' l-MFSA ma kinetx korretta allura kellu kull opportunita illi fi stadju quddiem il-Qorti tal-Magistrati jaghmel il-kontro ezami li kien hemm bzonn u juri lil Qorti illi ma kellux ikun responsabbli fi snin indikati. Izda dan ma sarx, u l-Qorti kull m'ghandha quddiema huwa illi l-appellant huwa direttur tas-socjeta. Imkien ma rrizulta min-naha l-ohra illi ma kienx direttur ghas-snin indikati fl-avviz. Ghal hekk il-Qorti jidrilha, wara li ghamlet l-apprezzament tal-provi migjuba quddiem l-ewwel Qorti, li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha.

Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------